

L-Amerika Latina u l-Karibew: l-UE tħejji għal-laqqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin CELAC-UE

Il-Kunsill ħa rendikont tal-istat tat-tħejjijiet tal-**Laqqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin CELAC-UE li ser issir fil-25-26 ta' Ottubru 2016 f'Santo Domingo** u ser tittratta l-futur tas-sħubija bireġjonali. Il-Kunsill adotta l-abbozz tal-aġenda, li tipprevedi diskussjonijiet dwar kif jissaħħa id-djalogu bireġjonali u jiġu approfonditi r-relazzjonijiet reċiproċi, valutazzjoni tal-programmi u l-azzjonijiet adottati mis-Summits, diskussjonijiet dwar il-finanzjament għall-iżvilupp u t-tibdil fil-klima, u punt speċifiku dwar il-Fondazzjoni Unjoni Ewropea - Amerika Latina u Karibew (Fondazzjoni UE-LAC).

Matul il-laqqgħa mistenni jiġi ffirmat **ftehim li jistabbilixxi l-Fondazzjoni UE-LAC** bħala organizzazzjoni internazzjonali. Il-Fondazzjoni UE-LAC tiġbor flimkien lill-Unjoni Ewropea u t-28 stat membru tagħha u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC) u t-33 stat membru tagħha bl-oġettivi li ġejjin:

- tinkoraġġixxi aktar **għarfien u komprensjoni reċiproċi** bejn iż-żewġ reġjuni;
- issaħħa il-**proċess ta' sħubija bireġjonali** CELAC-UE, b'aktar parteċipazzjoni mis-soċjetà ċivili;
- issaħħa il-**viżibbiltà reċiproka** bejn iż-żewġ reġjuni, kif ukoll tas-sħubija bireġjonali nnifisha.

Il-Fondazzjoni UE-LAC ser tilħaq l-oġettivi tagħha permezz ta' attivitajiet bħall-inkoraġġiment ta' **dibattiti** permezz ta' seminars, konferenzi u pubblikazzjonijiet; il-promozzjoni ta' **avvenimenti** relatati ma' temi indirizzati lis-Summits CELAC-UE; it-tnedija ta' **programmi** bireġjonali u l-organizzazzjoni ta' **skambji**; l-inkoraġġiment ta' studji u l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' kuntatti ġodda.

Il-kwartieri ġenerali tal-Fondazzjoni UE-LAC ser ikomplu jkun f'Hamburg (il-Ġermanja). Il-Fondazzjoni transizzjonali stabbilita fl-2011, sakemm jiġi konkluż il-ftehim internazzjonali, ser tispiċċa.

- [Relazzjonijiet tal-UE mal-Amerika Latina u l-Karibew \(SEAE\)](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press